**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**ONOR. IMĦALLEF NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Appell Numru: 643/2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs**

**Frankie BUGEJA**

**Illum, 26 ta' Ġunju 2024**

Il-Qorti,

Rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar it-8 ta' Novembru 2022 fil-konfront ta' **Frankie BUGEJA**, iben Francis Bugeja u Doreen (Maria Dolores) Chircop xebba Abela, imwieled il-Pieta` nhar l-1 ta' Novembru 1983, residenti 46, Charlton, P/H 12, Triq J. Quintinus, San Pawl il-Baħar, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 0570983(M), li ġie mixli talli:

   Nhar it-22 ta' Ottubru 2019, fi Triq it-Tamar, San Pawl il-Baħar u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi

żminijiet differenti, li kisru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Ikkommetta serq ta' twieqi tal-*aluminium* għad-dannu ta' Adrian Muscat u Wayne Vincent Spiteri u/jew persuni oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bl-ammont;
   Art 18, 261, 263, 267, 278(2), 279(b), 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u dan għad-dannu ta' Adrian Muscat u Wayne Vincent Spiteri u/jew persuni oħra;
   Art. 325(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew, xjentement b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;
   Art 334 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 533, 18, 261, 263, 267, 278(2), 279(b), 280(2), 325(1) u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat (illum l-appellant) **Frankie BUGEJA** mhux ħati tal-ewwel imputazzjoni, iżda sabitu ħati tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet dedotti kontrih, u kkundannatu għal piena ta' priġunerija ta' sentejn (2) ħabs li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, ġew sospiżi għal żmien tlett (3) snin mid-data tas-sentenza.

   Il-Qorti, a tenur tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali, spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbilita` tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali, jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 15A(1), 28H(2) u 532A tal-Kodiċi Kriminali, ordnat lill-ħati jħallas fi żmien sena mid-data tas-sentenza, is-somma ta' elf, tlett mija u ħamsin ewro (€1,350) lil Adrian Muscat, u s-somma ta' elfejn, mitejn u seba' ewro u dsatax-il ċenteżmu (€2,207.19) lil Wayne Vincent Spiteri, rappreżentanti ħsarat u kumpens. Din l-ordni kellha tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u effetti kollha tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

In vista tal-fatt illi ma ġewx maħtura esperti f'dan il-każ, il-Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skont l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi **Frankie BUGEJA** appella minn din is-sentenza u talab lil din il-Qorti sabiex "*tirrevoka is-sentenza moghtija mill-Onor Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet premessi fil-konfront tieghu fit-8 ta' Novembru 2022 u dana billi tikkonfermaha fejn l-Ewwel Onor Qorti sabitu mhux hati tal-Ewwel imputazzjoni u tvarjaha u tbiddilha fejn sabitu ħati tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet u minflok tilliberah mill-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih.*"

## D. IR-RISPOSTA TAL-AVUKAT ĠENERALI

4. Illi l-Avukat Ġenerali wieġbet għar-rikors tal-appell billi sostniet illi din il-Qorti għandha tirrespinġi l-aggravji tal-appellant fl-intier tagħhom u konsegwentement tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fit-8 ta' Novembru 2022.

## E. TRATTAZZJONI TAL-PARTIJIET

5. Illi fl-udjenza miżmuma quddiem din il-Qorti fit-30 ta' Jannar 2024, il-partijiet trattaw il-mertu tal-appell.

## F. KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

6. Illi mill-atti proċesswali jirriżulta illi nhar it-22 ta' Ottubru 2019, irrapporta ġewwa l-Għassa tal-Pulizija tal-Qawra ċertu Adrian Muscat, flimkien ma' Mark Deguara u George Deguara. Muscat spjega illi huwa kien irċieva telefonata mingħand George Deguara, li qallu illi kellu informazzjoni li setgħu nsterqulu xi twieqi tal-*aluminium.* L-istess Adrian Muscat żied jgħid illi meta mbagħad mar jiċċekkja l-proprjeta` ġewwa 'The Quay', Triq it-Tamar, San Pawl il-Baħar, huwa tassew sab seba' twieqi neqsin. Da parti tiegħu, Mark Deguara spjega lill-Pulizija illi huwa kien irċieva telefonata mingħand Colin Borg ta' *Colin's Metal* ta' Ħal Luqa, li qallu li kienet marret għandu persuna sabiex tbiegħlu twieqi tal-*aluminium* u illi huwa nnota kif dawn it-twieqi kienu xogħol magħdum minn Mark u George Deguara. Meta mbagħad Mark Deguara rrikorra fuq il-post, huwa għaraf dawk it-twieqi bħala xogħlhom, anke għaliex mal-ħġieġ tat-twieqi kien hemm imwaħħla *sticker* bl-inizzjali 'QRA'; indikazzjoni din illi tali twieqi kienu nħadmu għall-klijent mill-Qawra, bl-aħħar klijent mill-Qawra jkun proprju Adrian Muscat.

7. Jirriżulta wkoll illi l-persuna illi ppruvat tbiegħ it-twieqi in kwistjoni lil Colin Borg kienet l-appellant odjern, li ġie arrestat u wara li ngħata d-drittijiet tiegħu skont il-liġi, irrilaxxja żewġ stqarrijiet, waħda fit-22 ta' Ottubru 2019 u oħra fit-23 ta' Ottubru 2019 rispettivament, li fihom huwa jtenni kif sab it-twieqi in kwistjoni ġewwa għalqa viċin ir-residenza tiegħu.

8. Jirriżulta wkoll illi meta l-Pulizija rrapportaw fuq il-post ġewwa Triq it-Tamar, San Pawl il-Baħar, irriżulta illi kienu naqsu tliet aperturi tal-*aluminium* ta' lewn abjad minn tliet *maisonettes,* li kienu jinsabu mat-triq, u aperturi oħrajn mill-kmamar tal-banju tal-istess *maisonettes*. Irriżulta wkoll illi l-*frame* tal-aperturi kien tħalla mwaħħal fuq il-post u fil-bibien tal-istess *maisonettes* ma kienx hemm sgass.

9. Jirriżulta in oltre illi fl-istess jum ossia fit-22 ta' Ottubru 2019, iżjed tard, irrapporta wkoll fl-Għassa tal-Pulizija tal-Qawra, Wayne Vincent Spiteri, li spjega illi kienu nsterqulu xi twieqi tal-*aluminium* minn binja ta' appartamenti li kien qed jieħu ħsiebha hu, u illi fiha kien għadu qed isir xogħol ta' kostruzzjoni, ossia 'Cavalli Mansions', Maisonettes C1 u C2,

Triq it-Tamar, Qawra. Meta l-Pulizija marru fuq il-post, irriżulta illi kienu naqsu ħames aperturi tal-*aluminium* ta' lewn abjad minn żewġ *maisonettes*. Żewġ aperturi kienu mat-triq, fil-waqt illi t-tlieta l-oħra kienu tal-kmamar tal-banju. Anke hawn, il-*frame* tal-aperturi kien tħalla mwaħħal mal-ħajt. Iż-żewġ *maisonettes* in kwistjoni ma kellhomx bibien ta' barra.

10. Sussegwentement, nhar l-24 ta' Ottubru 2019 l-appellant tressaq quddiem il-Qorti taħt arrest, mixli bl-imputazzjonijiet fuq indikati u nhar it-8 ta' Novembru 2022, huwa nstab ħati mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet, kif miġjuba kontra tiegħu.

11. Illi l-appellant **BUGEJA** jilmenta mid-deċiżjoni ta' sejbien ta' ħtija tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-konfront tiegħu in kwantu għat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet li huwa ġie mixli bihom. L-appellant jisħaq kif l-unika rabta li kellu ma' dawn ir-reati kien illi huwa mar għand *scrap dealer* sabiex ibiegħ oġġetti tal-*aluminium* li huwa sab. Iżid l-appellant illi l-ewwel Qorti għamlet interpretazzjoni żbaljata tal-provi ċirkostanzjali li ressqet il-Prosekuzzjoni. Skont l-appellant, minkejja illi l-ewwel Qorti kienet konvinta mill-ħtija tal-appellant billi fuq it-twieqi in kwistjoni kien hemm *stickers* li kienu juru illi t-twieqi kienu ġodda, ir-regola tal-*best evidence* kienet tirrikjedi li tal-inqas jiġi nominat espert sabiex jeżamina l-*aluminium* u jirrelata dwar jekk dan kienx ġdid jew xort'oħra. L-appellant jilmenta mill-kunsiderazzjoni li għamlet il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) f'dik il-parti fejn din iddikjarat "*li ma ghandhiex dubju li l-imputat kien jew seta' kien ragonevolment konxju li l-oggetti kienu misruqa u certament mhux abbandunati*". Skont hu, din id-dikjarazzjoni tqajjem dubju, kif skont hu, tqajjem dubju wkoll u hija kontro-sens il-konklużjoni tal-ewwel Qorti illi kienet qed tillibera lill-appellant mir-reat ta' serq, mhux għax kienet qed temmen illi huwa sab l-*aluminium* f'għalqa, iżda għaliex ma kienx hemm prova illi huwa seraq it-twieqi in kwistjoni. L-appellant jisħaq li huwa għandu jiġi lliberat minn kull ħtija għaliex il-fatti kif miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħu jwasslu għal dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' ħtija, daqskemm setgħu jwasslu għal dikjarazzjoni ta' ħtija u għalhekk skont hu, hawnhekk *si tratta* ta' evidenza ċirkostanzjali ambigwa u li tista' tieħdok fuq żewġ binarji. L-appellant jistaqsi kif la darba huwa ma nstabx ħati tas-serq, seta' jissussisti r-reat ta' riċettazzjoni, meta dan ma seħħx u jtenni wkoll illi ma hemm l-ebda prova

dwar kif dan l-*aluminium* ġie f'idejh, ħlief ix-xhieda tiegħu stess fejn qal li huwa kien sabu. Skont hu, il-valur tiegħu kien wieħed żgħir u għalhekk mhux inverosimili illi huwa sab l-*aluminium*. Dwar l-imputazzjoni ta' ħsara volontarja, imbagħad, l-appellant iżid jgħid illi ma nġabet l-ebda prova jekk l-*aluminium* kienx ġarrab ħsara tant li ma setax jintuża, u għaldaqstant ma kellux jinstab ħati lanqas ta' din l-imputazzjoni.

12. Illi l-Qorti tibda billi tirreferi għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) tal-21 ta' April 2005, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit** fejn ingħad is-segwenti:

> ... kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.[1]

13. Din il-Qorti sejra tibda billi tindirizza l-punt tad-dritt sollevat mill-appellant fejn huwa jistaqsi dwar kemm setgħet il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tilliberah mill-ewwel imputazzjoni dwar ir-reat ta' serq, sabiex imbagħad issibu ħati tar-reat ta' riċettazzjoni, hekk kif ipotizzat fit-tielet imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu. Hawnhekk issir referenza għall-Artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali, li jaqra hekk:

---

[1] Fir-rigward, dik il-Qorti rreferiet ukoll għas-segwenti sentenzi: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991.

> Kull min f'Malta xjentement jilqa' għandu jew jixtri ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, jindaħal biex ibiegħhom jew imexxihom, jeħel, meta jinsab ħati –
>
> (a) jekk il-ħaġa tkun ġejja minn serq, bil-pieni tas-serq, skont il-valur tal-ħaġa;
>
> (b) jekk il-ħaġa tkun ġejja minn wieħed mir-reati dwar ħwejjeġ akkwistati jew miżmuma kontra l-liġi, bil-piena li hemm għal min hekk jakkwista jew iżomm;
>
> (c) jekk tkun ġejja minn frodi, bil-pieni li hemm għal dik ix-xorta ta' frodi li minnha l-ħaġa tkun ġejja

14. Minn qari tat-test tal-liġi jirriżulta illi l-appellant m'għandux raġun f'dan l-argument tiegħu. Ir-reat ta' riċettazzjoni huwa reat *ad hoc* u jitqies integrat indipendentement mis-sejbien ta' ħtija għar-reat ta' serq u dan jekk, miċ-ċirkostanzi kif ippruvati, ma jkunx jirriżulta li l-ħati jkun hu l-awtur tas-serq jew tal-qerq jew attivita' illeċita oħra, f'liema każ ma tistax tirriżulta l-ħtija fl-istess awtur għar-reat ta' riċettazzjoni. Dan huwa minnu dment li jirriżulta - fost elementi oħrajn - illi l-oġġett milqugħ jew mixtri mir-riċettatur ikun ġie meħud b'serq, b'qerq jew akkwistat b'reat; reat li kif ingħad, ma jkunx ukoll attribwibbli lir-riċettatur. Isegwi illi l-appellant seta' ma jinstabx ħati tar-reat ta' serq, iżda jinstab ħati minflok tar-reat ta' riċettazzjoni hekk kif jidher li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) qieset li ġie sodisfaċentement ippruvat illi l-oġġetti milqugħa mill-appellant u li huwa ttenta jbiegħ, kienu ta' provenjenza lleċita. Li kieku l-appellant instab ħati tar-reat ta' serq, allura huwa ma setax jinstab ħati wkoll tar-reat ta' riċettazzjoni. Din il-Qorti, kif diversament preseduta, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Roberta Gafa`, *omissis*** tat-30 ta' April 2014, qalet hekk dwar dan il-punt:

> **16.** Bir-raba' aggravju tiegħu l-appellant isostni li ma kellux jinstab ħati a bażi ta' l-artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali, cioe` r-reat ta' riċettazzjoni. Huwa jispjega:

"Il-ġurisprudenza tgħallem li l-elementi li għandhom jiġu ppruvati in sostenn ta' imputazzjoni bħal din huma s-segwenti[2]:

a. L-element materjali tar-reat ta' riċettazzjoni jikkonsisti mhux biss filli l-aġent ikun laqa' għandu, xtara jew indaħal biex ibiegħ jew imexxi xi oġġett (hu x'inhu dak l-oġġett), **iżda wkoll**

b. F'illi dak l-oġġett kien effettivament misruq, miksub b'qerq jew akkwistat b'xi wieħed mir-reati dwar ħwejjeġ akkwistati jew miżmuma kontra l-liġi

**u**

c. tali serq, akkwist b'qerq jew akkwist ieħor illeċitu **irid ikun sar minn persuna oħra**, cioe` mhux mill-istess persuna li qed tiġi akkużata bir-riċettazzjoni.

"Fil-każ odjern, jekk it-teżi tal-prosekuzzjoni tiġi emnuta, ħarsa lejn l-isqarrija tal-esponenti turi kif il-persuna li kkawżat il-provenjenza lleċita tal-oġġetti kien l-istess esponenti u mhux terz persuna oħra.

"Lanqas ma qiegħed jifhem l-esponenti għalfejn u a bażi ta' liema provi u raġunar legali l-Ewwel Qorti ddikjarat li din l-imputazzjoni fil-konfront tat-terz Zarb ingħatat bħala alternattiva iżda mhux l-istess jgħodd għall-esponenti Gafa`."

**17.** Fis-sentenza tagħha l-ewwel Qorti tgħid hekk dwar ir-reat ta' riċettazzjoni: **"Minn naħa tiegħu tqis illi Robert Gafa` bil-bejgħ tar-res furtiva huwa ħati taħt ir-reat taħt l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta (vide stqarrija ta' l-istess fir-rigward tal-bejgħ ta' *batteries*)."**

18. Fis-sentenza li għaliha rrefera l-appellant, cioe` l-Appell Kriminali **Il Pulizija v. Giovanni sive John Grima** deċiż fil-25 ta' Ottubru 2002, intqal:

**"L-element <u>materjali</u> tar-reat ta' ricettazzjoni jikkonsisti mhux biss filli l-agent ikun laqa' ghandu, xtara jew indahal biex ibiegh jew imexxi xi oggett (hu x'inhu dak l-oggett), izda wkoll filli dak l-oggett <u>kien effettivament misruq, miksub</u>**

[2] Hawnhekk saret referenza għas-sentenza **<u>Il-Pulizija v. Giovanni sive John Grima</u>**, deċiża nhar il-25 ta' Ottubru 2002 mis-STO V. Degaetano.

**<u>b'qerq jew akkwistat b'xi wiehed mir-reati dwar hwejjeg akkwistati jew mizmuma kontra l-ligi</u> (u tali serq, akkwist b'qerq jew akkwist iehor illecitu irid ikun sar minn persuna ohra, cioe` mhux mill-istess persuna li qed tigi akkuzata bir-ricettazzjoni).**

**"3. Kif jispjega l-gurista Francesco Antolisei (fil-kumment tieghu dwar l Artikolu 648 tal-Kodici Penali Taljan – artikolu li huwa ftit differenti mid disposiszzjoni taghna izda li dwar il-provenjenza tal-oggett ricettat huwa simili ghal taghna):**

***"'Poiche` oggetto materiale della ricettazione devono essere denaro o, in genere, cose di provenineza criminosa, il reato presuppone l'esistenza di un altro reato: presuppone, cioe`, che un altro reato sia stato commesso in precedenza…Naturalmente il delitto anteriore deve essere effetivamente avvenuto: se fosse inesistente o simulato (si pensi al venditore della cosa che, per giustificare il basso prezzo, affermi falsamente che essa proviene da un furto), saremmo in presenza di una ricettazione putativa e, quindi, non punibile. Per iniziare il procedimento per ricettazione, non si richiede che il delitto anteriore sia stato accertato giudizialmente con sentenza passata in giudicato…[ma] la condanna per ricettazione non puo` aver luogo, se prima non e` stato roconosciuto esistente, nei suoi elementi essenziali, il delitto presupposto, anche se di questo non sia stato accertato l'autore. Ove si tratti di delitto perseguibile a querela di parte…a nulla rileva la mancata presentazione della querela, perche` questa e` una semplice condizione di procedibilita`. Del pari, la ricettazione puo` sussistere anche se l'autore del delitto precedente non sia punibile per difetto di imputabilita` o per un'altra causa soggettiva di esclusione della pena…Infine, la ricettazione non viene meno neppure quando il delitto, che ne e` il presupposto, sia estinto'***[3]

**"Fi kliem iehor, il-prosekuzzjoni kellha tipprova bhala fatt li l-oggetti meritu ta' l-ewwel imputazzjoni – iz-zewg Land Rovers – kienu jew insterqu, jew gew akkwistati b'qerq jew altrimenti akkwistati kontra l-ligi <u>minn xi hadd iehor</u> qabel ma dawn gew f'idejn l-appellant."**

[3] Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale I, Giuffre` (Milano), 1986, pp. 358, 359.

> **19.** Fil-każ in eżami jirriżulta li l-appellant biegħ batteriji li huwa stess kien seraq. Għalhekk ma setax jinstab ħati wkoll tar-reat ta' riċettazzjoni. Konsegwentement ir-raba' aggravju huwa milqugħ.

15. Illi applikati dawn il-prinċipji legali għal dan il-każ, ifisser illi kemm il-darba l-appellant instab ħati tar-reat ta' serq tat-twieqi in kwistjoni, allura huwa ma setax jinstab ħati wkoll tar-reat ta' riċettazzjoni, u la darba instab ħati tar-reat ta' riċettazzjoni, huwa ma setax jinstab ħati tar-reat ta' serq. B'dan għalhekk illi l-argument tal-appellant illi la darba ma nstabx ħati tar-reat tas-serq, huwa ma setax jinstab ħati tar-reat ta' riċettazzjoni m'huwiex legalment korrett.

16. Illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) daħlet fil-fond dwar l-elementi li jsawru r-reat ta' riċettazzjoni u fir-rigward iċċitat ukoll diversi insenjamenti ġurisprudenzjali tal-Qrati tagħna, li din il-Qorti tagħmilhom tagħha. Jitqies ukoll opportun li terġa' ssir referenza għar-rekwiżiti li jridu jikkonkorru sabiex persuna tkun tista' tinstab ħatja tar-reat ta' riċettazzjoni u ċioe`:

i) il-provenjenza lleċita tal-oġġett in kwistjoni, b'tali provenjenza titqies illeċita għaliex l-oġġett ikun wieħed misruq jew ikun ġie meħud b'qerq jew akkwistat b'reat ieħor;

ii) l-akkużat irid ikun laqa' għandu jew xtara xi oġġett li għandu provenzjenza illeċita, inkella indaħal biex ibiegħu jew imexxih;

iii) fil-mument tal-akkwist, l-akkużat kien jaf bil-provenjenza lleċita tal-oġġett in kwistjoni jew inkella fiċ-ċirkostanzi, ma setax raġonevolment ma jqumlux suspett dwar il-leġittimita` tal-provenjenza ta' tali oġġett.

17. Fir-rigward tax-xjenza neċessarja sabiex tinstab ħtija fl-aġent tar-reat ta' riċettazzjoni, fis-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija (Spettur M. Mallia) vs Darren Debono</u>** tal-15 ta' Jannar 2009, ingħad hekk:

> L-element formali ta' dar-reat hu li l-akkuzat kien konsapevoli tal-provenjenza illecita tal-oggett suggett tar-ricettazzjoni. Dan ir-

rekwizit jista' jigi pruvat kemm minn provi diretti kif ukoll minn provi indizjarji. Hekk fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. John Briguglio"** [24.6.1961] (per Harding J.) kien gie ritenut li :-

*"Min jakkwista oggett taht cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dak l-oggett kellu provenjenza illegittima, u ntant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla dik il-provenjenza, u jaghalaq ghajnejh, huwa hati ta' din in-negligenza u kwindi ta' ricettazzjoni."*

Gie ukoll ritenut li dan l-element formali tar-reat in dizamina ikun jissussisti anki jekk l-akkuzat ikun irceva jew xtara l-oggett fil-waqt li jkollu jew inkella imissu kellu suspett li l-persuna li taghtu dak l-oggett setghet giet f' pussess ta' dak l-oggett b' mod illecitu w b' dana kollu xorta jilqa' ghandu jew jixtri tali oggett minghajr ma jaghmel xejn biex jivverifika u jaccerta ruhu li l-pussess ta' dik il-persuna l-ohra kien wiehed legittimu u mhux kif kien qed jissusspetta hu. (ara App. Krim. **"Il-Pulizija vs. J. Briguglio"** [24.6.1961]; **"Il-Pulizija vs. John Dimech"** [24.6.1961]; **"Il-Pulizija vs. George Tabone"** [24.6.1961] u **"Il-Pulizija vs. Tancred Borg"** [26.10.1998])

S' intendi ix-xjenza mehtiega fir-ricettatur tirrigwarda l-provenjenza kriminuza generika u ma tirreferix ghad-dettalji specifici tar-reat principali. (Ara App. Krim. **"Il Pulizija vs. Joseph Piscopo"** [21.3.1953]; **"Il-Pulizija vs. Nazzareno Zarb"** [16.12.1998] u ohrajn)

18. Illi bl-applikazzjoni tas-suespost, u b'rabta mal-ewwel żewġ rekwiżiti meħtieġa sabiex jissussisti r-reat ta' riċettazzjoni, issir referenza għax-xhieda ta' Wayne Vincent Spiteri[4], li jixhed kif kien sab nieqsa b'kollox ħames aperturi tal-*aluminium* abjad bil-ħġieġ *double glazing*, u dan minn żewġ *maisonettes* li jġibu l-indirizz ta' *Cavalli Mansions*, Triq It-Tamar, Qawra. Huwa jixhed kif kien infurmat li setgħet seħħet is-serqa in kwistjoni minn Adrian Muscat, *Site Manager* ta' binja oħra, li wkoll kien sab aperturi neqsin mill-binja li kien responsabbli għaliha hu u illi kien għalhekk illi huwa vverifika jekk kinux naqsu xi aperturi mill-binja li tagħha huwa kien *Project Manager*. Spiteri jikkonferma wkoll kif, għad li ma kienx hemm traċċi ta' sgass, il-*maisonettes* in kwistjoni kienu

[4] A fol. 31 *et seq* tal-atti proċesswali.

faċilment aċċessibbli stante illi ma kellhomx bibien ta' barra. Jirriżulta wkoll ill dwar dan is-serq, Spiteri għamel rapport ġewwa l-Għassa tal-Pulizija tal-Qawra fit-22 ta' Ottubru 2019.[5] Bl-istess mod, Adrian Muscat[6] jixhed illi għall-ħabta ta' Ottubru tas-sena 2019, huwa ġie nfurmat illi kienu nsterqulu xi aperturi minn blokka ta' appartamenti ġewwa Triq it-Tamar, Qawra, liema blokka huwa kien jieħu ħsieb il-*finishing* tagħha bħala *Site Manager*. Meta ntebaħ b'din is-serqa, huwa għamel rapport dwar dan, mil-liema rapport, datat 22 ta' Ottubru 2019, fil-fatt jirriżulta illi Muscat spjega illi kien sab seba' aperturi neqsin mill-fond 'The Quay, Triq it-Tamar, San Pawl il-Baħar.[7] Dan fil-fatt jikkombaċja perfettament mal-istima u mal-*invoice* esebiti minn Muscat, li juru l-prezz ta' seba' *sliding windows*, illi huwa kellu jerġa' jordna sabiex jirrimpjazza dawk li kienu ġew misruqin.[8] PS 2224 Suzanne Mifsud[9] tixhed kif kienet irrikorriet fuq il-post bħala parti mill-investigazzjoni li segwiet wara r-rapport ta' Muscat tat-22 ta' Ottubru 2019 u ħadet xi ritratti fuq il-post, f'liema ritratti jidhru l-aperturi mingħajr it-twieqi bil-ħġieġ, bil-*frame* abjad tal-*aluminium* li tħalla mwaħħal fuq il-post.[10]

19. Illi Colin Borg[11] ta' *Colin's Metal* xehed kif l-*aluminium* li mar sabiex ibiegħlu l-appellant kien ta' kulur abjad, illi dan kien jikkonsisti biss f'purtelli u li *frames* ma kienx hemm, u illi kemm il-purtelli, kif ukoll il-ħġieġ kienu jidhru ġodda, tant illi kien osserva kif mal-ħġieġ kien għad hemm it-tikketti jew *stickers* li kienu jindikaw illi dak kien xogħol tal-kumpanija *Sun Aluminium*, u fil-fatt ikkonferma ma' wieħed mis-sidien tal-kumpanija li dan kien il-każ. Borg stess jixhed kif lilu kienet għokritu għajnejh illi dawn l-aperturi kienu ġew misruqa, tant illi kkonfronta lill-appellant b'dan, li da parti tiegħu qallu li dawn kien sabhom. Fi kliem ix-xhud:

> U jiena mort fl-iskip u għidtlu: "Isma'," għedtlu: "dawn ħġieġ għadhom ġodda." Għidtlu: "Anke l-purtelli jidhru għadhom

---

[5] Ara a fol. 11 *et seq* tal-proċess.
[6] Ara a fol. 104 *et seq* tal-proċess.
[7] Ara r-rapport esebit a fol. 130 *et seq* tal-proċess.
[8] Ara a fol. 109 u 110 tal-proċess.
[9] A fol. 138 *et seq* tal-atti proċesswali.
[10] Ara a fol. 141 tal-proċess.
[11] A fol. 40 *et seq* tal-atti proċesswali.

ġodda." Qalli: "Iva". Qalli: "Kissirt il-ħġieġ fl-iskip." Għidtlu: "Le ħija." Għidtlu fis-sens rajt it-tiketta, fhimtha? Li nirreferi għal min nafhom snin, dawk ilni nafhom snin, fuq ħmistax-il sena lil Sun Aluminium sewwa? Li huma Mark u George, huma l-owners, u nsomma jiena għidtlu: "Ismagħħni," għidtlu: "dawn qed narahom bit-tiketti, t-twieqi għadhom ġodda," għidtlu: "isma', dawn misruqin jew le?" Għidtlu: "Għax jien ma rridx noqgħod nixtri xogħol misruq jew hekk u." Qalli: "Le." Qalli: "Jiena dawn sibthom."[12]

20. Mark Deguara jikkonferma kif dakinhar stess tat-22 ta' Ottubru 2019, huwa tela' l-fabbrika ta' Colin Borg ġewwa Ħal-Luqa, u hemmhekk seta' jagħraf kif l-*aluminium* li kien ħa hemmhekk l-appellant għall-i*scrap* kien xogħol immanifatturat mill-kumpanija li tagħha huwa s-sid flimkien ma' missieru, George Deguara u dan hekk kif mit-tikketta li kien għad hemm mal-ħġieġ, huwa seta' jara l-isem tal-kumpanija tagħhom stess, kif ukoll il-kitba tiegħu.[13] Ix-xhud Deguara kkonferma wkoll kif l-aperturi in kwistjoni kienu twaħħlu f'binja ġewwa l-Qawra, ġewwa Triq it-Tamar, li ġġib l-isem 'The Quail' [*recte*: *The Quay*] u dan għaliex it-tikketta kienet tindika illi x-xogħol kien tal-Qawra. Fi kliemu, meta mistoqsi jekk kienx ivverifika fejn kienu twaħħlu dawn l-aperturi, huwa wieġeb fl-affermattiv, u xehed illi "*Nidentifikhom bl-ewwel ittra e f'dak il-każ kien tal-Qawra biex nidentifika liema lokalita` jkunu biex jiġu delivered l-aperturi.*"[14] Meta mar għand Borg, huwa sab illi hemmhekk kien hemm l-appellant odjern, li kien ħa l-aperturi għand Borg. L-istess informazzjoni jipprovdiha George Deguara fix-xhieda tiegħu li jixhed illi wara li ibnu, Mark Deguara, ikkonferma illi x-xogħol għand Borg kien tagħhom, kien hu illi nforma lil Adrian Muscat li kien ġie misruq u għalhekk ftiehem miegħu sabiex imorru jagħmlu rapport.[15]

21. Min-naħa tiegħu l-appellant isostni, kemm fl-istqarrijiet rilaxxjati minnu lill-Pulizija, kif ukoll meta xehed *viva voce* quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illi t-twieqi tal-*aluminium* sabhom mormija ġewwa għalqa, li tiġi bejn it-triq tar-residenza tiegħu u t-triq minn fejn ittieħdu l-

[12] A fol. 43 tal-proċess.
[13] A fol. 47 *et seq* tal-atti proċesswali.
[14] Fol. 49 tal-proċess.
[15] Ara a fol. 52 *et seq* tal-atti proċesswali.

aperturi, meta huwa ħa l-kelb tiegħu dawra f'dawk l-inħawi. Għalhekk mhux ikkontestat illi l-oġġetti in kwistjoni kienu fil-pussess tal-appellant.

22. Din il-Qorti tqis illi mill-provi prodotti lanqas ma hemm dubju illi l-ewwel rekwiżit tar-reat ta' riċettazzjoni jirriżulta ppruvat u dan billi jirriżulta fil-grad rikjest mil-liġi, illi l-aperturi in kwistjoni kienu ġejjin mir-reat ta' serq u allura ta' provenjenza illeġittima, kif lanqas ma hemm dubju illi bħala konsegwenza, l-appellant laqa' għandu jew indaħal sabiex ibiegħ ħwejjeġ misruqa. Hawnhekk il-Qorti tikkunsidra illi:

i) L-*aluminium* li ttieħed mill-appellant għand Colin Borg kien tal-istess lewn ta' dak l-*aluminium* li kien twaħħal ġewwa l-binja 'The Quay', fi Triq it-Tamar ġewwa l-Qawra;

ii) Mark Deguara ikkonferma fuq il-post li dak l-*aluminium* kien ġie mmanifatturat mill-kumpanija li tagħha huwa s-sid flimkien ma' George Deguara, 'Sun Aluminium', u li dan kien ġie mwaħħal fl-istess indirizz fi Triq it-Tamar, Qawra. Dan isemmi kif il-ħġieġ ta' dak l-*aluminium* kellu *sticker* li kienet tindika l-kumpanija tiegħu u kitba li kienet turi għal min kienu destinati dawk it-twieqi;

iii) Colin Borg jixhed kif l-*aluminium* u l-ħġieġ li ħadlu l-appellant kien jidher ġdid u li kien ta' kulur abjad u li kien għarfu bħala xogħol magħmul minn 'Sun Aluminium', minħabba l-i*stickers* li kien hemm fuq il-ħġieġ;

iv) Adrian Muscat jikkonferma kif mill-blokk ta' appartamenti 'The Quay', Triq it-Tamar, Qawra kienu naqsu aperturi tal-*aluminium* ta' lewn abjad u dan b'referenza għat-22 ta' Ottubru 2019, ċioe` fl-istess jum illi l-appellant mar bl-istess twieqi għand Colin Borg sabiex ibiegħlu l-istess *aluminium* li nstab nieqes kif ingħad.

23. F'dan l-istadju jingħad ukoll li għad li l-ewwel Qorti ma ħatrietx espert sabiex jirrelata dwar il-kundizzjoni tal-*aluminium* illi l-appellant mar bih għand Colin Borg, kif jilmenta l-appellant fir-rikors tiegħu, m'hemmx dubju dwar il-fatt illi dan kien ġdid u illi ma kienx ġie mormi. Kif diġa' ngħad, jinsab ampjament ippruvat kif l-*aluminium* in kwistjoni ġie meħud minn binja li kienet għadha fi stadju ta' *finishing* u li kienet għadha mhux

abitata. Għad li huwa minnu li ma ġiex nominat espert, il-Qorti tqis illi lanqas kien hemm il-ħtieġa għal dan, u dan hekk kif fl-ewwel lok, ix-xhud Colin Borg, iddeskriva l-*aluminium* in kwistjoni, flimkien mal-ħġieġ, bħala ġdid, tant li kien ukoll għalhekk li għokritu għajnejh meta l-appellant ippreżenta ruħu fil-fabbrika tiegħu sabiex jiskreppja l-istess. In oltre, l-*aluminium* in kwistjoni kien għadu bl-i*stickers* tal-kumpanija li mmanifatturat ix-xogħol, imwaħħlin mal-ħġieġ. B'hekk din il-Qorti ma taqbilx mal-appellant in kwantu jsostni illi l-Prosekuzzjoni fir-rigward ma ressqitx l-aħjar prova, meta jirriżulta ampjament ippruvat illi l-*aluminium* illi ttenta jbiegħ l-appellant fit-22 ta' Ottubru 2019 kien l-istess *aluminium* li kien tpoġġa minn 'Sun Aluminium' u illi ġie nieqes mill-binja li ġġib l-isem 'The Quay', Triq it-Tamar, Qawra.

24. L-appellant jilmenta wkoll mill-kunsiderazzjonijiet li għamlet l-ewwel Qorti meta din qieset illi raġonevolment, huwa ma setax ma kellux dik ix-xjenza li trid il-liġi sabiex jitqies integrat ir-reat ta' riċettazzjoni. Jingħad kif għad li ma jirriżultax meta ġew neqsin dawn l-aperturi mill-binja in kwistjoni, dakinhar tat-22 ta' Ottubru 2019, l-*aluminium* ma nstabx fil-binja fejn kien twaħħal, iżda kien minflok ġewwa l-garaxx ta' Colin Borg ġewwa Ħal Luqa fejn kien meħud mill-appellant sabiex jittenta jagħmlu flus. Il-ħtija tal-appellant hija deżumibbli mill-fatt illi huwa naqas milli jagħti spjegazzjoni raġjonevoli ta' kif dawk it-twieqi ġodda nstallati fil-binja in kwistjoni ġew milqugħa għandu mingħajr ix-xjenza li dawn kienu ta' provenjenza lleġittima. Din il-Qorti taqbel perfettament mal-ewwel Qorti fejn din iddikjarat illi għalkemm ma kienx hemm provi suffiċjenti, fil-grad rikjest mil-liġi, illi setgħu jorbtu lill-appellant mar-reat ta' serq tal-istess twieqi, lanqas ma hija verosimili l-verżjoni tal-appellant illi huwa sab it-twieqi in kwistjoni ġewwa għalqa viċin ir-residenza tiegħu. Kuntrarjament għal dak li jsostni l-appellant, ma jirriżulta l-ebda kontro-sens f'din il-kunsiderazzjoni. Kif tgħid l-ewwel Qorti, "*Il-Qorti ma hijiex konvinta mill-verzjoni ta' l-imputat li dan b'kumbinazzjoni waqt li kien ghaddej biswit sit ta' bini li kien familjari ghalih inzerta sab twieqi godda mormija u mkissrin.*" Fil-fehma ta' din il-Qorti wkoll m'huwiex verosimili illi dawn it-twieqi jinsterqu, sabiex imbagħad jintremew ġewwa għalqa, kif jagħti x'jifhem l-appellant. In oltre illi dawn it-twieqi kienu jidhru ġodda, kemm in kwantu għall-*aluminium*, kif ukoll għall-ħġieġ tagħhom, li kien għad għandu mwaħħal fuqu l-i*sticker* tal-manifattur tal-

istess twieqi, kien evidenti, kif wara kollox dan kien evidenti wkoll għal Colin Borg, li mill-ewwel intebaħ b'dan, hekk kif ra l-istess twieqi, tant illi staqsa lill-appellant jekk dawn kinux misruqin. Dawn fil-fehma tal-Qorti kienu ċirkostanzi tali illi b'riżultat tagħhom jista' jingħad illi l-appellant kien jew seta' kien raġonevolment konxju mill-fatt illi dawn it-twieqi kienu ta' provenjenza lleċita.

25. Għaldaqstant, magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet, l-aggravji tal-appellant fir-rigward tas-sejbien ta' ħtija tiegħu dwar it-tielet imputazzjoni qed jiġu miċħuda, b'dan għalhekk illi din il-Qorti tqis illi l-ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fl-appellant għar-reat ikkontemplat f'din l-imputazzjoni.

26. Illi b'rabta mas-sejbien ta' ħtija tiegħu dwar it-tieni imputazzjoni, l-appellant jillanja li ma nġabet l-ebda prova illi l-*aluminium* in kwistjoni kienx bi ħsara tant li ma setax jintuża' u għalhekk illi huwa ma setax jinstab ħati tat-tieni imputazzjoni. Kif ingħad, din il-Qorti bħal l-ewwel Qorti qabilha ma temminx illi l-appellant sab it-twieqi in kwistjoni mormija u bil-ħġieġ imkisser ġewwa għalqa. Jirriżulta ċar mix-xhieda ta' Colin Borg illi l-appellant beda jkisser il-ħġieġ tat-twieqi in kwistjoni sabiex ikun jista' jbiegħhomlu, kif wara kollox jammetti l-istess appellant, tant illi fl-ewwel stqarrija tiegħu huwa jgħid ukoll illi kien weġġa' jdejh waqt illi kien qed ikisser il-ħġieġ.[16] Colin Borg jixhed ukoll is-segwenti b'referenza għal Mark Deguara:

> Qalli, qalli: "Iva. Dawk eħe neqsin it-twieqi tiegħi," insomma. Qalli: "Dawk tiegħi ta." Għidtlu: "Mela ejja għalihom ħija," għidtlu: "biss imma ħeqq iċ-ċuċċata l-ħġieġ laħaq kisru ...[17]

27. Għaldaqstant, l-aggravju tal-appellant fir-rigward tat-tieni imputazzjoni qed jiġi miċħud, b'dan għalhekk illi din il-Qorti tqis illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fl-appellant anki fir-rigward ta' din l-imputazzjoni.

[16] A fol. 16 tal-proċess.
[17] A fol. 44 tal-proċess.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda taqta’ u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell ta’ **Frankie BUGEJA** u tikkonferma s-sentenza appellata.

**Natasha Galea Sciberras**
**Imħallef**